# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 613/2016

621/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**Francis Xavier Galea**

Seduta tal-30 ta' Lulju, 2019

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Francis Xavier Galea, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 320863M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, talli:

1. Fil-5 ta' Settembru 2008 u/jew f'xi data qabel, fil-kapaċita' tiegħu ta' importatur, sabiex filli bil-qerq jinħarab jew jiġi ittentat li jinħarab xi dazju tad-dwana, jew xi liġi jew limitazzjoni dwar l-importazzjoni, xjentement għamel dikjarazzjoni jew issottometta dokument jew informazzjoni falza

f'dettal sostanzjali, fis-sens li kull informazzjoni jew dokument relatat ma' din l-importazzjoni ta' 11 ilkoIl, dikjarat bhala DVD, Hi Fi u telephones, irriżulta li 10 minn dawn il-kolli kienu sigaretti fi kwantita' kif deskritt hawn taħt:

i. 36 kaxxa b'5O kartuna b'200 sigarett kull kartuna Rothmans Blue
ii. 14-il kaxxa b'5O kartuna b'200 sigarett kull kartuna Bon International Gold.

ll-merkanzija fuq imsemmija waslet Malta minn Dubai fil-5 ta' Settembru 2008. mat-titjira EK 107:

2. Ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jevadi t-tħaris ta' kondizzjonijiet u restrizzjonijiet tad-dwana dwar l-esportazzjoni, xjentement ittenta li jesporta l-istess sigaretti li ma kienux dikjarati fl-importazzjoni tagħhom, meta għal dan il-għan issottometta d-dokument tad-dwana Transhipment Shipping Bill;

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess tagħhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, għandhom valur totali ta' €23,782.00, dazju tas-sisa dovut ta' €54,760.00 u wkoll dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammontaw għal €13,698.36 u €16,603.24 rispettivament, fejn liema dazju u taxxa ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998).

UkolI fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud akkużat:

3. talli fil-5 ta' Settembru, 2008 u/jew f'xi data qabel, fil-kapaċita' tiegħu ta' importatur, sabiex filli bil-qerq jinħarab jew jiġi ttentat li jinħarab xi dazju tad-dwana, jew xi liġi jew limitazzjoni dwar l-importazzjoni, xjentement għamel dikjarazzjoni jew issottometta dokument jew informazzjoni falza f'dettal sostanzjali, fis-sens li kull informazzjoni jew dokument relatat ma' din l-importazzjoni ta' 11 il-koll, dikjarat bħala DVD, Hi Fi u telephones, irriżulta li 10 minn dawn il-koll , kienu sigaretti li kwantita' kif deskritt hawn taħt:

i. 36 kaxxa b'5O kartuna b'200 sigarett kull kartuna Rothmans Blue
ii. 14-il kaxxa b'50 kartuna b'200 sigarett kull kartuna Bon International Gold.

Il-merkanzija fuq imsemmija waslet Malta minn Dubai fil-5 ta' Settembru 2008, mat-titjira EK 107:

4. Talli wkoll fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jevadi t-thħris ta' kondizzjonijiet u restrizzjonijiet tad-dwana dwar l-esportazzjoni, xjentement ittenta li jesporta l-istess sigaretti li ma kienux dikjarati fl-importazzjoni tagħhom, meta għal dan il-għan issottometta d-dokument tad-dwana Transhipment Shipping Bill;

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess tagħhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, għandhom Valur totali ta €23,782.00, dazju tas-sisa dovut ta €54,760.00 u wkoll dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T) li jammontaw għal €13,698.36 u €16,603.24 rispettivament, fejn liema dazju u taxxa ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati, u dan hi ksur ta' l-Artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998).

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti kif ukoll sabiex tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-7 ta' Diċembru, 2016 li biha sabet lill-imputat ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni, illiberatu mill-kumplament u ikkundannatu ghall-€42,000 multa u sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 issospendiethom għal zmien erba snin minn dakinhar;

L-ewwel Qorti ordnat li terz mill-multa tkun kunsidrata bħala dejn ċivili pagabbli lid-Dipartiment tad-dwana. Ordnat wkoll il-konfiska tal-koll fl-intier tiegħu, ossija, tas-sigaretti u l-oġġetti l-oħra fih;

Rat **ir-rikors tal-appell ta' Francis Xavier Galea**, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Dicembru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha **thassar u tirrevoka** din is-sentenza inkwantu s-sejbien ta' htija u l-piena nflitta, filwaqt illi **tikkonfermaha** fejn lliberat lill-appellant, u f'kaz ta' konferma fis-sejbien tal-htija, **thassar u tirrevoka** l-piena inflitta u minflok timponi piena aktar gusta u ekwa skont il-ligi;

Rat ukoll **ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali**, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Diċembru, 2016, li pemrezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

a) **Tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati u kkundannatu sentejn priġunerija li bl-applikazjoni tal-artikolu

28A tal-Kodiċi Kriminali għandhom jibqgħu sospiżi għal perjodu ta' erba' snin mid-data tas-sentenza, kif ukoll il-konfiska tas-sigaretti elevati u l-oġġetti l-oħra, u;

b) **Tbiddel** dik il-parti fejn ikkundannatu għall-multa ta' tnejn u erbgħin elf euro (€42,000) u minflok tinfliġġi multa skont l-artikoli 18 u 62 tal-Kapitolu 37, kif ukoll l-artikolu 16 tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ammont ta' mitejn u ħamest'elef, tlett mija u ħamsa u sebgħin euro u tmien ċenteżmi (€205,375.08) fejn terz dan l-ammont li jammonta għal tmienja u sittin elf, erba' mija tmienja u ħamsin euro u sitta u tletin ċenteżimi (€68,458.36) għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat lid-Dipartiment tad-Dwana skont il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi brevement rakkontati, l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw trasport ta' merkanzija bl-ajru minn Dubai lejn Malta indikata fl-Airway Bill bhala konsistenti f'DVDs, Hi-Fi u telefons li izda fil-fatt kienet tikkonsisti fil-maggior parti taghha f'sigaretti. Din il-konsenja kienet tikkonsisti fi ħdax–il bundle, għaxra minnhom kienu sigaretti u pallet wieħed **biss** kien fil-fatt jikkonsisti f'DVDs, telefons u Hi-Fi. Meta l-appellant beda l-procedura sabiex il-merkanzija tkun trasportata lejn il-Libja,

allura fil-forma ta' *transhipment*, saru l-ispezzjonijiet mehtiega mill-awtoritajiet doganali li ma setghux jippermettu l-operat minhabba d-dikjarazzjoni falza tal-imputat u ghalhekk il-Pulizija intalbet tistitwixxi il-proceduri odjerni kontra tieghu;

3. Mis-sentenza tal-ewwel Qorti appellaw sia l-imputat kif ukoll l-Avukat Ġenerali. La darba l-appell tal-Avukat Generali hu dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti huwa logiku li bhala sekwenza din il-Qorti l-ewwel titratta dak tal-imputat stante li huwa wiehed ghar-revoka tas-sentenza, u wara, skond l-ezitu, titratta dak tal-Avukat Generali;

5. Mill-atti processwali jemergi illi l-imputat kien acceda l-ufficcji tad-dwana f'Hal Luqa u hemm kellem lill uffiċċjal fil-Cargo Section, urieh Airway Bill u infurmah li ried jesporta sigaretti lejn il-Libja. Meta konfrontat bil-fatt illi dik l-Airway Bill tiddeskrivi DVD's u telefons u mhux sigaretti, l-imputat infurmah li kien ghamel dik id-deskrizzjoni fid-dokument ta' trasport bhala mezz sabiex ma jinsterqux is-sigaretti. L-ufficcjal baghat lill-imputat għand id-diretturi fl-ufficcju tal-Belt minħabba dan il-fatt u ikkonferma illi il-merkanzija baqgħet fil-bonded stores u li kull oġġett li jiġi *in transit* għall-esportazzjoni ma huwiex dazzjabbli;

7. Din il-konsenja eventwalment infethet mill-Ispetturi tad-dwana fil-presenza tal-imputat u kien konfermat illi din kienet tikkonsisti f'koll ta' ħdax –il bundle, għaxar pellets kienu sigaretti mentri pellet wieħed kien jikkonsisti f'merkanzija ta' DVDs, telephones u *Vegetable Slicers*. L-ufficcjali tad-dwana gia kienu mgharrfa dwar din il-merkanzija permezz ta' *alert*;

8. L-**appellant** xehed quddiem l-ewwel Qorti li huwa kien xtara s-sigaretti u d-DVDs minn Dubai fuq rikjesta ta' persuna

Libjana li kien jaħdem miegħu u li kien fuq struzzjoni ta' dan li iddeskriva l-oggetti kollha, inkluz allura s-sigaretti, bhala DVDs u dan ghaliex beża' minħabba s-serq mid-dwana ta' Malta. Huwa kien xtara kollox minn Dubai u meta wasal biex jibgħat l-affarijiet, il-Libjan ma bediex jaqbad it-telefon minħabba li kien żmien ir-Ramadan, ma tahx l-indirizz fejn kellha tasal il-konsenja u għalhekk fl-aħħar qallu sabiex jibgħat kollox Malta imbgħad jigi u jibgħat kollox il-Libja. Kien il-persuna Libjana li ried li jkunu mniżżlin bħala DVDs u telefons biex ma jinsterqux iżda meta mar għand tal-Cargo mal-ewwel avżawh li dan mhux ser ikun possibli u li kienu ser javżaw l-Awtorita' ġo Malta dwar il-kontenut;

9. L-imputat kompla spjega kif meta kien Dubai intalab jinghata kopja tal-passaport u ffirma karta u avża lil persuna Libjana, Rashid, li l-awtorita' Maltija ser tkun infurmata bil-kontenut. Huwa jinsisti li huwa bgħat ix-xogħol Malta u mhux mal-ewwel għall-Libja għax ma inghatax l-indirizz fejn kellu jibgħathom gewwa l-Libja. Rashid kellu jitrasferixxi kollox lejn il-Libja u mhux hu. Meta waslu l-affarijiet , huwa flimkien ma' Rashid mar għand tal-Cargo u qalilhom li kien hemm 13 –il kaxxa, 10 sigaretti u 3 DVDs biex jiġu trasferiti għall-Libja. Dawn talbuh biex jimla formola ta' TSB u peress li huwa ma jafx jaqra u jikteb talabhom biex jimlewha huma għalih. Huwa kkonferma li s-sigaretti kienu għall-Libja u li d-DVDs kienu għal Malta. L-imputat insista li kien hu li qalilhom lil tad-Dwana li kienu sigaretti u mhux DVDs u mhux għax huma ssuspettaw li ma humiex sigaretti;

**L-appell tal-imputat:**

10. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-imputat iressaq l-argument illi l-Kapitolu 37 tal-ligijiet ta' Malta jirrikjedi l-intenzjoni specifika dwar kull min irid jevadi id-dazju, l-VAT u jqarraq, liema intenzjoni kienet nieqsa da parti tal-imputat ghaliex qatt ma kienet l-intenzjoni tieghu li jirrikorri ghal dawn il-mezzi. Kien hu stess illi kif wasal Malta ta bidu għal proċeduri sabiex il-merkanzija tintbagħat fil-Libja u mill-ewwel iddikjara li l-oġġetti kollha ma kienux Hi-Fi u DVDs iżda sigaretti. Għamel dan minn jeddu qabel ma kienu kellmuh l-uffiċjali tad-dwana. Kien għamel hekk għax beża li l-uffiċċjali tad-dwana jisirqulu s-sigaretti;

11. L-imputat ried lill-ewwel Qorti, u issa lil din il-Qorti, temmnu illi l-intenzjoni ghad-dikjrazzjoni inveritiera tieghu dwar il-kontenut tal-konsenja kienet sabiex dawn ma jisterqux mill-membri doganali f'Malta. Huwa jsostni illi kien informa lill-awtoritajiet f'Dubai li l-konsenja ma kienitx kif dikjarata fl-Airway Bill u li dawn wissewh illi ma setghax jaghmel dan u li minn naha taghhom kienu ser jinfurmaw lill-awtoritajiet Maltin. Il-verzjoni tal-imputat ma jidhirx li ghandha mis-sewwa u dan ghal zewg ragunijiet. Din il-Qorti ma tistax tkun konvinta b'dikjarazzjoni li l-awtoritajiet f'Dubai ippermettew lill-imputat jesporta oggetti b'dikjarazzjoni falza dwar id-deskrizzjoni taghhom meta allura, skond l-imputat, rrendew ruhhom komplici biex oggetti jkunu hekk esportati u li kienu huma stess li ser jinfurmaw lill-awtoritajiet Maltin bil-veru kontenut tal-koll;

12. L-imputat donnu irid jghid li hija haga normali li jista' jsir dan it-tip ta' arrangament, igifieri li ssir dikjarazzjoni falza bil-konoxxenza ta' awtoritajiet esteri li jiehdu l-inkarigu huma stess li jinfurmaw l-awtoritajiet Maltin li kien qed ikun skartat l-obbligu ta' dikjarazzjoni vera u fidila tal-koll, imbaghad

toqghodx tinkwieta ghaliex ahna stess ser ninfurmaw l-awtoritajiet Maltin;

13. It-tieni raguni ghaliex din il-Qorti ma tistax temmen lill-imputat temergi mis-segwenti domanda li hija inevitabbli: Ghaliex l-imputat kellu jaghmel dikjarazzjoni falza, jghid lill-awtoritajiet f'Dubai r-raguni ghaliex ghamel hekk, igifieri li kienu qed jinsterqu sigaretti mill-ufficcjali tad-dwana f'Malta, imbaghad jikkuntenta ruhu li Dubai kienu ser jinfurmaw lill-istess ufficcjali f'Malta dwar il-veru kontenut tal-koll;

14. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, l-artikolu 18 tal-Kapitolu 37 huwa car u n-nuqqas xjenti ta' dikjarazzjoni tal-merkanzija bil-ghan li tinharab xi ligi jew limitazzjoni tad-dwana dwar l-importazzjoni jammonta ghar-reat. Kif minnu ammess, din ma kienitx l-ewwel darba li l-imputat ġab xi merkanzija mill-esteru u għalhekk kellu l-esperjenza ta' x'għandu jsir f'dawn iċ-ċirkostanzi. Huwa kellu l-intenzjoni li jiddikjara kontenut divers minn dak li effettivament kien hemm u l-prova tal-intenzjoni hija skontata b'tali dikjarazzjoni inveritiera u voluta;

13. Il-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti kif hawn riprodotta hija wahda legalment u ragjonevolment korretta u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tiddisturba dik id-decizzjoni. *'Fil-każ in dizamina in–nuqqas kien jikkonċerna s-sigaretti u xejn ma jimporta jekk kienux għar-riesportazzjoni fl-liema każ kienu ikunu eżenti mid-dazji, li l-imputat,* ***kif jirriżulta wisq ċar, konsapevolment u volutament naqas li jiddikjara.' (sottolinear da' din il-Qorti)*** **.** Ma hemmx htiega ta' kunsiderazzjoni ulterjuri dwar dan u għaldaqstant dan l-aggravju qed ikun michud;

14. Fit-**tieni aggravju** l-imputat jillanja l-operat tal-prosekuzzjoni meta naqset milli ggib l-ahjar prova konsistenti fin-nuqqas li tipprova l-valur tas-sigaretti. Dan il-valur kien krucjali ghaliex il-piena f'kaz ta' htija hija dik tal-multa ekwivalenti ghal tlett darbiet l-ammont ta' dazju li kellu jithallas fuq l-oggett jew 582.34 liema minnhom huwa l-akbar. L-argument li jressaq l-appellant hu li l-ewwel Qorti strahet fuq il-valur li jidher fuq in-Nota ta' Qbid minghajr ma dan id-dokument qatt kien awtentikat mill-awtur tieghu;

14, Qabel xejn din il-Qorti tosserva li l-imputat jghid li l-prosekuzzjoni kellha tipprova l-kaz taghha *"lil hin minn kull ombra ta' dubju dettat mir-raguni".* Minghajr ma tinoltra fit-tul dwar dan, tghid illi l-appellant huwa zbaljat ghaliex din il-proposta fiha nnifisha hi wahda kontradittorja. Anke jekk l-appellant ried ifisser 'l hinn minn kull ombra ta' dubju huwa ukoll zbaljat. Il-livell ta' prova li trid issir mill-prosekuzzjoni f'kawzi penali hu dak 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u mhux minn kull "ombra ta' dubju" kif jirritjeni l-imputat. Bizzejjed li ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, Il-Pulizija vs Philip Zammit et - [App Krim 7.9.94] li ghamlet referenza ghas-sentenza Il-Pulizija v Austin Joseph Psaila u Mario Rodenas (Kollez. Vol. LXXVI, 1992, Pt. II, p.786) sabiex l-appellant ikun jista japprezza d-distinzjoni bejn dak minnu propost u dak li tirrikjedi l-ligi. F'dan l-aggravju jghid ukoll li l-ewwel Qorti sabitu hati tal-ewwel u tar-raba' akkuza [recte: imputazzjoni] meta fattwalment instab hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni u kien liberat mill-bqija, kompriz, allura r-raba' imputazzjoni;

15. Ventilat dan, l-ilment tal-appellant jidher li hu koncentrat fuq il-fatt illi l-ewwel Qorti waslet ghall-valur tas-sigaretti, [haga din indispensabbli ghall-quantum tal-piena], fuq

prezunzjoni. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-proposta ghaliex kif jidher car fir-ragunament tal-ewwel Qorti, din hadet in konsiderazzjoni in-Nota ta' Qbid esebita mill-prosekuzzjoni u li dwarha ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni;

16. Fl-istess ilment l-appellant jghid illi la darba il-merkanzija kienet *in transit* l-ebda dazju ma kien dovut u konsegwentement il-multa kellha tkun fil-minimu kif jipprovdi l-artikolu 18 tal-Kap 37 igifieri multa ta' tlett darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas fuq l-oggett ili jkunu jinsabu f'dak il-koll jew €582.34 skond liema jkun l-akbar. Il-problema tal-appellant hi li minkejja li hemm regoli ben precizi fir-rigward tal-importazzjoni ta' oggetti li jiddistingwu *inter alia* bejn azzjoni ta' importazzjoni u dik *in transit* iddecieda li johloq regoli ghaliex billi l-ewwel jesporta lejn Malta s-sigaretti in kwistjoni b'dikjarazzjoni falza u minghajr ma jiehu l-konsenja taghhom malli jaslu hawn, ihallihom fil-kustodja tad-Dwana u jmur jittenta jesportahom lejn pajjiz iehor b'dikjarazzjoni, issa, li dawk huma sigaretti. Il-piena ravvizata fl-artikolu 18 mhix biss ghall-evazjoni ta' dazju izda ukoll ghall-dikjarazzjoni falza bil-hsieb li jahrab minn xi ligi jew limitazzjoni ohra tal-ligijiet tad-dwana;

17. In konnessjoni mal-ilment tieghu dwar il-piena erogata, l-appellant iressaq l-argument illi meta l-ewwel Qorti ghamlet il-kalkoli taghha dwar il-piena, strahet fuq il-valur tas-sigaretti indikat fin-nota ta' qbid meta din ma kienitx ikkonfermata mill-kontrollur tad-dwana nnifsu bhala l-awtur taghha izda, mir-rappreżentant tiegħu. Din il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 520 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jirreferi ghall-artikoli 635 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Meta hu meħtieġ li tkun verifikata l-kitba ta' min ikun kiteb jew iffirma dokument, dik il-prova tista' ssir bil-mezzi hemm

insemmija, inkluz, **b'xhieda illi, għalkemm ma rawx lill-persuna tikteb jew tiffirma d-dokument, ikunu jagħrfu l-kitba tagħha**. L-uffiċċjal tad-Dwana Joseph Borg bil-gurament kkonferma l-firma tal-kontrollur tad-Dwana Spiridione Galea fuq in-Nota ta' Qbid minnu esebita a fol 17 tal-proċess (ara verbal tal-udjenza tal-21.10.2009) u dan kien bizzejjed biex jiskonta l-htiega tal-konferma tal-awtenticita' ta' dan id-dokument la darba qatt ma kien kontestat mod iehor. Kwantu ghall-valur tas-sigaretti a fol 17 (nota ta' qbid) jirriżulta l-valur hemm indikat u dan qatt ma kien kontestat. Għaldaqstant it-tieni aggravju tal-appellant qed ikun michud u konsegwentement l-appell tieghu huwa michud;

**L-appell tal-Avukat Generali:**

18. L-Avukat Generali jillanja s-sentenza appellata bil-gravam singolari li l-multa erogata bħala piena mill-Ewwel Qorti ma hijiex waħda fil-parametri tal-Liġi. L-imputat instab ħati taħt l-artikolu 18 tal-Kap 37 li jipprovdi ghall-multa *'.....ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti li jkunu jinsabu f'dak il-koll jew il-ħames mija u tnejn u tmenin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu(€582.34), skont liema jkun l-akbar, hekk li terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, u dak il-koll u l-oġġetti ta' ġewwa fih għandhom jiġu konfiskati";*

19. L-ewwel Qorti kkundannatu għal multa ta' €42,000 mentri skont l-artikolu hawn fuq indikat nkwantu jirrigwarda d-dazju fuq is-sigaretti kellha tkun tammonta għal €205,375.08 fejn terz ta' dan l-ammont u cioe' €68,458.36 għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat lid-Dipartiment tad-Dwana;

19. L-Avukat Generali ghalhekk ghandu ragun u ghalhekk il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, billi **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-Francis Xavier Galea ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni u kkundannatu sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali għandhom jibqgħu sospiżi għal perjodu ta' erba' (4) snin mid-data tas-sentenza, ukoll kwantu dik il-parti li biha ordnat il-konfiska tas-sigaretti u l-oġġetti l-oħra; **izda** thassarha f'dik il-parti li biha kkundannatu għall-multa ta' tnejn u erbgħin elf ewro **(€42,000)** u minflok tikkundannah ghall-piena ta' mitejn u ħamest elef, tlett mija u ħamsa u sebgħin ewro u tmien ċenteżmi **(€205,375.08)** b'terz ta' dan l-ammont, igifieri tmienja u sittin elf, erba' mija tmienja u ħamsin ewro u sitta u tletin ċenteżmi **(€68,458.36**) għandu jitqies bħala dejn ċivili u jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana u dan ai termini tal-Artikoli 18 u 62 tal-Kap 37 u l-Artikolu 16 tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti fissret lil appellat fi kliem sempliċi l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza fejn si tratta tal-artikolu 28A tal-Kapitlu 9.